# Mill-Ktieb Tal-Hajja

*Miġburin minn* G. Zarb Adami

1. Ma jaħkemx tajjeb min ma jwiddebx.

2. Demokrazija ma tfisserx tniżżel l-għoljin fil-baxx, iżda ttella' fil-għoli dawk li jinsabu 'l isfel.

3. In-nazzjon tibqa' tgħix, jagħmlu x'jagħmlu biex jeqirduha, għax hi fatt tabilħaqq li ma jistax jintemm.

4. Nazzjon u lsien huma ħaġa waħda; tintilef dik meta jintilef dan. Meta mmaqdru l-ilsien immaqdru n-nazzjon, u meta mmaqdru n-nazzjon immaqdru lilna nfusna.

5. Frugħa tal-frugħat, kollox frugħa barra li tħobb 'l Alla u taqdih.

6. Agħtini ġisem, imqar ta' kelb, u nġiegħlu jinbaħ l-isem t'Alla.

7. Lil Napuljun, jiżżiegħbel u jiftaħar bil-qawwa ta' l-imperu tiegħu, il-Papa Piju VII qallu: "Kummidjant."

8. Dan hu fost l-oħrajn il-ġmiel ta' l-ilsien Malti, li kelma waħda tiftaħlek għajn biex tikteb ktieb sħiħ fuq is-sena, il-għerf, id-drawwiet u l-ġrajja tagħna. Kelma Maltija ssibha mela bħal djamant maqtugħ b'ħafna wċuh li jilma, jiddi, jarmi u jxerred ma' dwaru d-dawl; issibha bħal fossa tal-lolċi, ħaġa maqtugħa mill-aqwa mgħallem li fiha ħażżeż is-sura tal-bnedmin u ta' l-art bi ġmielha, u ħażżiżha hekk tajjeb li wara eluf ta' snin tista' tagħraf minn kienu dawn in-nies u x'kienu jaħsbu, x'kienu jgħidu u x'kienu jagħmlu.

9. L-imħabba hi passjoni nobbli; waħda biss tgħaddiha: il-passjoni qalbiena lejn dmirek.

10. Jien biċċa minn kull ma għadda minn għalija.

11. Kull għasfur iħobb il-bejta tiegħu.

12. Warrab minn fqir kburi, għani xħiħ, u xiħ żieni.

13. Il-gwerra hi ċ-ċaħda t'Alla u tal-ħaqq.

14. Il-ħajja tal-bniedem hi misteru ta' ġustizzja.